# L-Artal Maġġur u t-Tribuna tas-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta

**Christian Pace**

*B.Com (Hons), M.A. (Econ)*

Qabel ma s-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu ogħla għad-dinjità ta' Bażilika Minuri fl-1895 f'nofs il-knisja kien hemm artal maġġur minflok it-Tribuna, li hija waħda mis-Simboli Bażilikali.

Nafu li l-artal maġġur kien tqiegħed f'postu nhar it-8 ta' Ġunju 1608[1], fejn dakinhar l-knisja ġiet iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu, kif kien il-ħsieb tal-Patrijiet meta xtaqu li jibnu din il-knisja fil-Belt il-ġdida. Jidher li fil-bidu, l-ewwel knisja jew aħjar kappella kienet iddedikata lil Marija Annunzjata. Din kienet taqdi l-ħtiġijiet spiritwali lill-bosta ħaddiema u bennejja li kienu inkarigati mill-bini tal-Belt Valletta. Bħala tifkira



It-Tieni artal maġġur li kien hemm fis-Santwarju tal-Karmnu, xogħol li tlesta f'Jannar tal-1798.

ta' din id-devozzjoni Marjana, l-ewwel artal tal-ġenb, l-ewwel wieħed ħdejn dak ta' Sant'Anjeże jew kif inhu magħruf iktar tal-Kurċifiss kien iddedikat lill-Lunzjata. Nafu li dan l-ewwel artal maġġur kien diġà tal-irħam. Madanakollu 189 sena wara l-Komunità Karmelitana xtaqet illi jkollha artal maġġur iktar prezzjuż u għalhekk il-Pirjol P. Bacc. Rossi Vinċenz ordna artal ieħor b'irħam ferm iktar fin minn Palermo[2].

Dan l-artal jidher li kien lest f'Jannar 1798 u qam 600 skud, somma ferm ikbar minn kemm kienu qed jippjanaw li jonfqu l-Komunità Karmelitana. Sa dak iż-żmien kellhom miġbura biss nofs is-somma globali, jiġifieri 300 skud. Għalhekk fit-28 ta' Jannar, waqt laqgħa straordinarja li saret għall-Komunità Karmelitana, il-Pirjol issuġġerixxa li għalkemm is-somma għadha mhux miġbura kollha, m'għandhomx jitilfu din l-opra fl-irħam. Għalhekk bi qbil unanimu ġie deċiż illi għandhom jitħallsu it-300 skud li kienu miġbura mid-devoti Karmelitani u l-bilanċ jitħallas mill-kunvent 10 skudi fix-xahar. Wara ftit jiem l-artal wasal f'Malta u tqiegħed f'postu. Dan l-artal dam is-Santwarju sas-sena 1898 meta minfloku saret l-ewwel Tribuna. Illum dan l-artal maġġur għandna nistgħu ingawduh fil-Parroċċa ta' Marija Bambina ġewwa l-Mellieħa.

Nhar it-13 ta' Mejju 1895, il-Papa Ljun XIII għoġbu jgħolli s-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt, għad-dinjità ta' Bażilika Minuri. Dan it-titlu ngħata bħala riżultat tad-devozzjoni antika u straodinarja illi sa minn dak iż-żmien, insibu f'dan is-Santwarju. Din id-dinjità ngħatat mhux biss bħala titlu "Basilica nuncupari", imma ukoll bħala status ta' Bażilika: "atque uti talis haberi", bil-privileġġi kollha, favuri, indulti u unuri li jgawdi l-Bażilika Minuri ta' Ruma: "necnon omnibus et singulus privilegiis, gratis, indultis atque honoribus… ad instar Basilicarum



L-Artal Maġġur li kien fis-Santwarju tal-Karmnu armat fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Bambina fil-Mellieħa

minorum de Urbe". Għalhekk riżultat ta' dan it-titlu, il-Karmelitani Beltin għandhom l-unur li jġibu l-insinji tal-Bażilika jiġifieri l-Umbrellun Bażilikali u t-Tintinnablu kif ukoll li l-artal maġġur tas-Santwarju jkun Artal Papali bit-Tribuna.

Id-dokument Pontifiċju, iffirmat mill-Prefett il-Kardinal A. Bianchi[3] u mibgħut lill-Provinċja tal-Patrijiet Karmelitana f'Malta jagħti dettalji ta' kif għandu jkun l-Umbrellun Bażilikali u l-armi li għandu jġib miegħu, kif ukoll kif għandha tkun il-libsa tar-reffiegħ tal-Umbrellun Bażilikali. Fl-aħħar jagħti dettalji fuq it-Tribuna u jgħid:

*"Minflok l-artal maġġur li hemm bħalissa jista' jitqiegħed ieħor ta' għamla orjentali, jiġifieri jħares lejn in-nies. Jorqmuh erba' kolonni li fihom jitwaqqaf il-baldakkon jew ċelu, jiġifieri t-Tribuna, l-istess bħall-erba' Bażiliki minuri ta' Ruma, għaliex bħalhom il-Magħruf Santwarju tal-Karmnu ġie ddikjarat Bażilika.[4]"*

Ftit żmien wara li wasal id-digriet tal-Bażilika l-Kamelitani bdew jaħsbu biex ibiddlu l-artal maġġur u minfloku ssir Tribuna kif jitlob il-privileġġ tal-Bażilika. Fis-sena 1898, tliet snin wara li s-Santwarju sar Bażilika, ġiet ordnata t-Tribuna preżenti xogħol mill-isbaħ fl-irħam fin. Id-disinn ġie magħżul minn nies kompetenti wara diversi abbozzi li saru. Dan l-abbozz ġie ppreżentat mid-Ditta Lo Turco ta' Messina. Nhar is-7 ta' Marzu 1898[5] sar il-kuntratt bejn il-Komunità Karmelitana u d-Ditta Lo Turco quddiem in-Nutar Carlo Micalled de Carlo[6]. Il-missier Francesco u ż-żewġ uliedu, Isidoro u Mario Antonino, intrabtu li jwettqu huma x-xogħol tat-tribuna u tal-artal Papali: "l'obbligo di erigare....una tribuna col rispettivo Altare





Dettalji mill-artal maġġur



Il-Knisja l-antika u l-artal maġġur armat għall-Festa tal-Madonna tal-Karmnu. Dan ir-ritratt ittieħed qabel is-sena 1898 meta saret it-Tribuna bl-ewwel ċelu.



Id-digriet tal-bażilika

Papale" u jekk ix-xogħol ma jkunx lest fiż-żmien miftiehem, jibdew iħallsu xelin ieħor kuljum bħala piena[7]. Għal tmiem Settembru tas-sena 1899, ix-xogħol kollu kien lest tant li nhar is-6 t'Ottubru ta' dik is-sena l-artal Papali ġie kkonsagrat minn Mons. Salvatore Gaffiero, Delegat tal-Isqof Mons Antonio Buhagiar, Amministratur Appostoliku tad-Djoċesi ta' Malta u Isqof ta' Ruspa[8]. Il-ħaddiema tad-Ditta Lo Turco tħallsu £2,000[9], somma kbira ferm għal dak iż-żmien.



It-tribuna bl-ewwel ċelu fil-knisja l-antika. Dan l-ewwel ċelu kien tal-għamla pjuttost robusta nieqes minn kull skultura u eleganza.



Ritratt tal-1901 juri li l-vażi tat-Tribuna Papali tal-irħam bl-iskudetti ta' Lo Turco fuq disinn ta' Pio Cellini. Il-kolonni tat-tribuna biċ-ċelu kollu għadhom tal-injam qabel ma saru tal-irħam u bronż li naraw illum.



F'dan ir-ritratt naraw il-knisja armata bid-damask iswed u it-tubru għall-mewt ta' Papa Ljun XIII f'Lulju 1903. Fiha għadu jidher l-ewwel ċelu. Fil-fatt ftit xhur wara inbidel iċ-ċelu għal dak li naraw illum.

Jidher illi d-Ditta Lo Turco naqset f'xi affarijiet mill-kuntratt miftiehem tant illi l-Patrijiet iddeċiedew illi jinħallu mill-kuntratt[10] u jsir kuntratt ġdid. Fil-fatt nhar id-9 ta' Diċembru, il-Komunità Karmelitana ddelegaw lill-Pirjol, P. Bert Grech, biex jagħmel kuntratt ieħor mas-Sur Federico Bonetti, ħalli jieħu hu x-xogħol tal-irħam tal-erba' kolonni tat-Tribuna u tal-kaptelli tagħhom, għall-prezz ta' £100 (mitt lira sterlina[11]). Nafu li sas-sena 1903 ċ-ċelu tat-Tribuna kien pjuttost robust u sempliċi kif jixhdu xi ritratti fejn tidher it-Tribuna fl-isfond meta kien intrama t-Tubru fl-okkażjoni tal-mewt tal-Papa Ljun XIII) f'Lulju 1903. Dan kien l-istess Papa li ta t-titlu ta' Bażilika Minuti lis-Santwarju tal-Karmnu tal-Belt 8 snin qabel. Jidher illi qabel il-kolonni tal-irħam li naraw illum kien hemm erba' kolonni oħra, din id-darba tal-injam.

Lejn l-aħħar tas-sena 1903 beda x-xogħol biex jinbidel iċ-ċelu tat-Tribuna biex isir dak li għadna ngawdu sal-lum. Iċ-ċelu tat-Tribuna u l-ornamenti ta' mal-kolonni ġew fdati f'idejn l-iskultur Cellini, Taljan li ħadem lejn l-aħħar tas-seklu dsatax f'Malta. Cellini ħadem ukoll fil-Parroċċa ta' Marija Bambina fin-Naxxar fejn għamel il-bieb il-maġġur ta' din il-Knisja. Dan iċ-ċelu tħallas mis-Sur Lawrence Gasan. Fil-fatt ismu għadna nistgħu narawh maċ-ċelu n-naħa ta' wara, bħala tifkira dejjiema ta' din l-għotja.



It-tribuna li għadna ngawdu sal-lum armata fil-knisja l-antika.

Jiddominaw dan iċ-ċelu nsibu 4 anġli mill-isbaħ tal-bronż bi skrizzjonijiet f'idejhom. L-iskrizzjonijiet ta' dawn l-anġli, iġibu il-kliem:

- Carmeli Decus (Ġieħ tal-Karmel)
- Melitae Presidium (Harriesa ta' Malta)
- Ultores Protege (Mill-Għadu Ħarisna)
- Serva Aedem Tuam (Ħekk ukoll lill-Qaddejja Tiegħek)

L-istorja tal-Maġġur u t-Tribuna fiha nfisha tiġbor fiha parti important mill-istorja ta' dan is-Santwarju, b'mod speċjali permezz tal-għoti tat-titlu tal-Bażilika. Dan jixhed li missirijietna









Dettalji tal-angli u ċ-ċelu tat-tribuna

sa min dejjem raw illi jżejnu dan is-Santwarju b'titli u dinjità u opri tal-arti mill-isbaħ li jixhdu l-imħabba tal-poplu Malti lejn dan is-Santwarju u l-Omm u Ġmiel tal-Karmelu.

**Referenzi**

1 P. Lawrenz Sammut O. Carm, Is-Santwarju tal-Karmnu, pg 68, (1952)

2 IBID.

3 AKV, Bullarium, p. 10: " Quantunque nella Bolla Ap(osto)lica spedita nella Cancelleria di questo istess giorno.....9 Luglio 1895, Alla Signora Costra motlo Reverenda come Provinciale deu Padro Carmelitani in Malta..., mentre con distinta stima mi professo di V.S. Molto Reverenda – Dalla Dataria Ap(osto)lica, li 9 luglio 1895 – D(evotissi)mo Servitore A. Card. Bianchi pref.

4 Che all attuale Altare Maggiore, posse essere sostituito un altro di forma orientale, cioe rivolto al popolo, ornate di Quattro colonne sormontata da un Baldacchino, come lo hanno le Quattro Baziliche minori di Roma, a forma delle quale e state eretto in Bazilica il summernzionato insigne Santuario.

5 P. Lawrenz Sammut O. Carm, Is-Santwarju tal-Karmnu, pg 70, (1952)

6 AKV, Lib. Prop. IV, p. 139: "2 Marzo 1898: Avendo i Padri Vocali di questo Vndo Convento scelto, dietro parere di persone competent, l'Archetipo della Tribuna dei Signori Lo Turco" – Kopja awtentika tal-kuntratt tinsab f'AKV, Miscellanea, taħt l-isem ta' "Kuntratt tal-erezzjoni tat-Tribuna", u fil-Gabrea B, pp. 284-286. Il-Kontraenti, min-naħa tal-Patrijiet, kienu l-Pirjol tal-Belt P. Bert Grech, u l-Majjistru P. Elizew Zarb. Ix-xhieda kienu s-Sacerdot Dun Gius. Francalanza u s-Sur Ed. Gouder.

7 Miscel., ib., Gab. B, ib.."...per ogni giorni di ritardo nella consegna gli appaltatori incorreranno do pieno diritto nella penalita di uno scellino al giorno".

8 Sammut, p. 141; Grech, p. 16.

9 AKV., Gab. B. p. 285.

10 AKV, Lib. Prop. IV, p. 163: "Il M.R.P. Mro. Provle Eliseo Zarb, convocata captiolarmente la Vnda Comunita, le feconoscere esser espediente rescindere il contratto hia fatto coi Signori Lo Turco per lavori della Tribuna. La Communita annui di buon grado, abilitando il Provle ed il Priore per rescindere ditto contratto".

11 Ib., p. 165: "Radunatasi la Vnda Comunita capitolarmente, assieme al P. Priore Alberto Grech, delego a pieni voti il-surriferita P. Priore a stipulare il contratto con il Signor Federico Bonetti per fare le quarto colonne e rispettivi capitelli di marmot per la Tribuna al prezzo di Ls. 100 (cento)". Żgur li kien għad baqa xi xogħol ieħor ta' rħam xi jsir fit-Tribuna, għaliex fil-5 t'Ottubru 1904, il-Pirjol oppropona lill-Komunità "se volesse ordinare dal marmista Sig. Russo gli ultimo pezzi in marmot della Tribuna". U l-Komunità "vedendone la necessita, a pieni coti annui" (Ib., p. 218).



It-Tribuna armata fis-Santwarju l-ġdid